MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Rikors Numru. 35/2007

**Tereza Camilleri karta ta' l-identita numru 278567M**

vs

**Registratur taz-Zwigijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fit-30 ta' Mejju, 2007, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremettiet :

Illi hija cittadina Maltija u ilha tikkonvivi ma' Ahmed Kamel Mohammed El Azeb, ta' nazzjonalita' Egizzjana. Illi wara l-annullament taz-zwieg taghha hija marret fl-ufficcu tar-Registratur taz-Zwigijiet, li ghalkemm urew li kellhom id-dokumenti mehtiega mil-ligi kollha fl-ordni, l-istess Registratur irrifjuta li jkompli bit-tnidijiet ghaliex insista li

jkun hemm certifikat li l-gharus kien jista' joqghod Malta u kellu viza regolari. Dan mhux element li l-ligi taghtih xi diskrezzjoni, ghaliex skond l-Att taz-Zwieg dan ir-rekwizit mhux isemmi. Huma t-tnejn marru fl-ufficju tar-Registratur bil-karti kollha u appena ssemmiet il-viza, l-ufficjali inkarigat irrifjutat li zzomm il-karti. L-esponenti kienu marru mal-avukat sottoskritt li hallihom hemm quddiem l-ufficjal, ben konsapevoli x'se jigri. Wara l-esponenti u l-gharus taghha marru Kastilja fejn ghamlu applikazzjoni u sahansitra talbuhom li jaghmlu insurance policy fuq is-sahha tal-gharus u dan fl-ammont ta' spejjez ta' mitejn lira u aktar. Ftit taz-zmien wara l-istess ufficju minn Kastilja nfurmaw lir-rikorrenti li kien kollox sew, marret maghha Dr Deborah Mifsud Attard imma qalulha li kien inqala' ntopp u li kien se jithassar kollox.

IIIi l-esponenti m'ghandhiex rimedju effettiv u effikaci, u fuq kollox mghaggel bizzejjed biex igieghel lir-Registratur jottempera ruhu mal-ligi;

IIIi l-azzjoni taht l-Artiklu 469A tal-Kap jista' jiddikjara biss li r-Registratur uza l-poteri tieghu hazin, jew mar oltre dawk il-poter, imma dak l-artiklu ma jistax jissostitwixxi d-decizjoni tal-Qorti ghal dik tar-Registratur, u hija biss dikjarazzjoni, umbaghad jispetta lir-Registratur kif u meta jottempera ruhu. Fi kliem semplici, l-artiklu 469A ma jordnax lir-Registratur li jaghmel xi haga, u jekk jonqos jigi ghad-disprezz tal-Qorti, jew jista' b'xi mod jigi mgieghel. Il-judicial review gie kunsidrat mill-Qorti Ewropea per ezempju fic-Chahal u UK, u gie dikjarat li ma kienx rimedju effettiv;

llii bl-agir tieghu l-intimat kiser (u dan diga' ghamlu bhala fatt) id-dritt tal-esponenti li tizzewweg lil min trid hi, u dan gewwa pajjizha- dritt protett that l-artiklu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. L-esponenti ottemperat ruhha mad-dettami kollha tal-ligi dwar il-ligi nazzjonali li tirregola z-zwieg;

Inoltre l-istess agir imur kontra l-Artiklu 8 tal-istess Konvenzjoni. Fis-sentenza Abdullaziz et vs U.K.jekk wiehed jaqra kollha kemm hi, u mhux jispigola biss dak id-

dictum li barrani taht il-Konvenzjoni m'ghandux necessarjament dritt li jghix fil-pajjiz ta' xi parti mizzewga, isib li l-konvivenza ghal zmien twil u dan bl-intenzjoni taz-zwieg jitqies li tifforma parti mill-family and private life. Bl-agir tieghu, ir-Registratur qed jostakola u fil-fatt diga wettaq tali ksur;

Illi biex jaghmel interferenza bhal dik lamentata, l-istat u r-rappresentanti tieghu jridu juri fl-ewwel lok li hija skond il-ligi, u mhux tigi vvintata ligi ad hoc u li tintuza ma' nies ta' certu parti tal-globu jew ta' religjon partikolari, u wara li jsir dan l-istat irid juri li tali interferenza kienet mehtiega u proporzjonata f'socjeta' demokratika;

Apparti l-kwestjoni tar-rimedju l-kostatazzjoni tal-ksur tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem tista' taghmilha biss il-Prim'Awla u wara l-Qorti Kostituzzjonali, u jekk tali ksur diga sehh, allura ma hemmx triq ohra hlief din;

Rigward ir-rimedji din l-Onorabbli Qorti ghandha mil-ligi stess mana libera x'rimedji taghti, u x'ordnijiet taghti. Jekk l-ewwel parti hija dikjarazzjoni, rigward dawk ir-rimedji mhux kaz fejn semplicement il-Qorti tghid li ma taqbilx mar-Registratur, imma tista' tordnalu;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha :

(1) tiddikjara li l-agir tal-intimat jikser l-Artikli 10 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
(2) taghti rimedji effettiv halli jissana tali vjolazzjonijiet, inkluzi dawk ir-rimedji anke ta' natura provvisorja waqt is-smiegh tal-kawza, u taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha li jaghmlu ghal kaz ghat-twettiq tad-dikjarazzjoni taghha fuq l-ewwel taiba (3) taghti kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet lamentati, specjalment dawk kawzati direttament minhabba l-agir tal-intimat, u danni morali skond il-ligi.

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimat Registratur taz-Zwigijiet, li *in forza* taghha espona illi:

1. Illi r-rikorrent naqqset illi tezawrixxi r-rimedju ordinarju spettanti lilha (i) skond l-Artikolu 8 (2) tal-Att Dwar iz-Zwieg, la darba hija qeghda tallega illi l-esponent cahad illi johrog tnidijiet taz-zwieg u, subordinatament (ii) skond Artikolu 469A tal-Kap 12 liema artikolu jaghtiha d-dritt illi titlob it-thassir tad-decizjoni tal-esponent jekk jidrilha illi hemm lok ghal dan. Illi ghalhekk huwa mill-izjed indikat illi dina l-Qorti ghandha tiddeklina milli tieghu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti :

2.1 Illi skond l-Artikolu 38 tal-Att Dwar iz-Zwieg jistipula s-segwenti :

**“38.** (1) Kull persuna li tikkontratta zwieg bl-iskop uniku li tikseb -
(*a*) cittadinanza Maltija; jew
(*b*) libertà ta’ moviment f’Malta; jew
(*c*) permess biex tahdem jew biex tirrisjedi f’Malta; jew
(*d*) id-dritt li tidhol f’Malta; jew
(*e*) id-dritt li tikseb kura medika f’Malta,
tkun hatja ta’ reat u tehel, meta tinsab hatja, piena ta’ prigunerija ghal mhux izjed minn sentejn;

(2) Kull dritt jew beneficcju miksub minn persuna li tkun insabet hatja ta’ reat taht is-subartikolu (1) abbazi taz-zwieg illi ghalih hemm referenza f’dak is-subartikolu (1) jista’ jigi rexiss jew annullat mill-awtorità pubblika li minghandha jkun inkiseb;

(3) Kull persuna li tikkuntratta zwieg ma’ persuna ohra meta tkun taf illi l-iskop uniku ta’ dik il-persuna l-ohra fl-ikkuntrattar taz-zwieg huwa wiehed jew izjed mill-iskopijiet imsemmija fis-subartikolu (1) tkun hatja ta’ reat u tehel

meta tinsab hatja l-istess piena stipulata fis-subartikolu (1)";

Illi ghalhekk ic-cirkostanza fejn persuna illi tersaq biex tikkuntratta zwieg f' Malta tkun qeghda tirrisjedi f' Malta illegalment hija cirkostanza illi l-esponent ghandu kull dritt illi jkun jaf biha u li jevalwaha sabiex jikkunsidra jekk dak li jkun se jsehh jikkostitwix reat u, ukoll, jekk hu jistax isib ruhu f' sitwazzjoni ta' komplicita' f'reat;

Illi ghalhekk l-esponent ghandu kull dritt illi jitlob lill-persuni li japplikaw ghandu ghall-hrug tat-tnidijiet taz-zwieg l-prova li dawn qeghdin jirrisjedu f' Malta legalment u ma hemm xejn leziv tal-Artikoli 8, 10 u 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-fatt illi l-esponent jitlob tali prova;

2.2 Illi di piu, d-dritt illi wiehed jizzewweg u d-dritt ghat-tgawdija tal-hajja privata u familjari[1] ma jimplikawx dritt iehor illi wiehed jirrisjedi fil-pajjiz tal-ghazla tieghu u wisq inqas ma jimplikaw dritt illi wiehed jirrisjedi f' pajjiz ta' l-ghazla tieghu anke minghajr il-permessi necessarji;

2.2 Illi , ukoll, dan il-kaz ma jipprezenta ebda apparenza ta' ksur tad-dritt tal-liberta tal-espressjoni sancit bl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni li huwa citat mir-rikorrenti;

---

[1] F' dan ir-rigward l-esponenti, akkost li jidher prevedibbli, jirreferi ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet *Abdulaziz, Cabales and Balkandali vs United Kingdom* (1985 7 EHRR 471) fejn il-Qorti Ewropeja kienet unanimament sabet illi ma kienet sehhet ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni proprju ghax **'the duty imposed by article 8 cannot be considered as extending to a general obligation on the part of a Contracting State to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country'** (sentenza para 68). F' dak il-kaz il-Qorti Ewropeja kienet sabet izda illi kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 14 moqri flimkien ma l-Artikolu 8 biss minhabba l-fatt illi skond il-ligijiet dwar l-immigrazzjoni kif kienu dak iz-zmien fir-Renju Unit l-irgiel barranin mizzewwgin nisa Inglizi setghu jigi accettati biex jghixu fir-Renju Unit aktar facilment minn nisa barranin mizzewwgin irgiel Inglizi. Dan it-tieni aspett tal-fatti tal-kaz ta' *Abulazziz et* pero ma jipprezentax ruhu fil-kaz odjern.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali wara li ta ruhu b’notifikat waqt is-seduta tas-6 ta’ Gunju 2007, li “in forza” taghha espona illi :

1. Preliminarjament, illi l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni a tenur ta' l-Artikolu 181B tal-Kap. 12;
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jassocja ruhhu mar-Registratur taz-Zwigijiet ghall-eccezzjonijiet moghtija mill-istess Registratur;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-avukati difensuri, minkejja illi inghataw din il-fakulta mill-Qorti ma ipprezentawx noti ta’ sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti ipprezentat dan ir-rikors f’din il-Qorti Sede Kostituzzjonali fejn qalet illi hija cittadina Maltija u ilha tikkonvivi ma Ahmed Kamel Mohammed El Azeb, ta' nazzjonalita' Egizzjana. Hija qalet illi kienet mizzewga lil xi hadd iehor u wara illi gie annullat iz-zwieg taghha marret flimkien ma Ahmed Kamel Mohammed El Azeb fl-ufficju tar-Registratur taz-Zwigijiet u ghalkemm uriet illi kellhom id-dokumenti mehtiega mil-Ligi kollha fl-ordni ir-Registratur irrifjuta li jkompli bit-tnidijiet ghaliex insista li jkun hemm certifikat li l-gharus kien jista' joqghod Malta u kellu viza regolari. Hija isostni li dan mhux element li l-ligi taghtih xi diskrezzjoni, ghaliex skond l-Att taz-Zwieg dan ir-rekwizit mhuwiex imsemmi. Hija qalet ukoll illi l-ewwel mill-ufficju tar-Registratur taz-Zwigijiet intbaghtu Kastilja fejn ghamlu applikazzjoni u intalbu jaghmlu insurance policy fuq is-sahha tal-gharus, illi huma fil-fatt ghamlu

izda sussegwentement hi u l-gharus taghha gew infurmati minn Kastilja li kien inqala intopp u kien ser jithassar kollox. Hija qeghda tallega illi ma ghandhiex rimedju effettiv u effikaci, u fuq kollox mghaggel bizzejjed biex igieghel lir-Registratur jottempera ruhu mal-ligi u f’dan ir-rigward hija issemmi l-azzjoni taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hija qeghda tallega illi l-agir tar-Registratur taz-Zwigijiet imur kontra l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u jikser ukoll l-Artikolu 10 ta’ l-istess Konvenzjoni Ewropeja.

Ikkunsidrat :

Illi l-intimat Registratur taz-Zwigijiet ta bhala eccezzjoni preliminari il-fatt illi r-rikorrenti naqqset illi tezawrixxi r-rimedju ordinarju spettanti lilha (i) skond l-Artikolu 8 (2) tal-Att Dwar iz-Zwieg, la darba qeghda tallega illi l-esponent cahad illi johrog tnidijiet taz-zwieg u, subordinatament (ii) skond Artikolu 469A tal-Kap 12 liema artikolu jaghtiha d-dritt illi titlob it-thassir tad-decizjoni tal-esponent Registratur taz-Zwigijiet jekk jidrilha illi hemm lok ghal dan u ghalhekk jissottometti illi l-Qorti ghandha tiddeklina milli tieghu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319;

Ikkunsidrat :

Illi f’dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-9 ta’ Marzu 2007 fl-ismijiet “Mazen Dadouch vs Direttur tar-Registru Pubbliku” fejn kienet ukoll inghatat din l-eccezzjoni mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi f’din il-kawza il-Qorti Kostituzzjonali kienet ikkonfermat is-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

Illi f’dak il-kaz il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kienet qalet illi ai termini tal-proviso tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) ta' l-Att XIV tas-sena 1987**, f'kwistjonijiet bhal dawn id-dritt ta'

l-access ghal Qorti ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali mhux awtomatiku izda huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti quddiem liema jkun gie intavolat l-ilment.

Dik il-Qorti kienet ukoll irreferiet f’dak ir-rigward ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet fis-16 ta’ Jannar 2006 fl-ismijiet **“Melita Cable p.l.c vs L-Avukat Generali et”** u kienet irrilevat **:**

Illi jekk ikun gie ippruvat b’xi mod illi r-rikorrent kellu rimedju iehor xieraq li seta’ jigi segwit minnu sabiex l-allegat ksur tal-jedd fundamentali tieghu jigi investigat allura dik l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku kienet tintlaqa.

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti xehdet f’dawn il-proceduri u wara li ikkonfermat il-fatti imsemmija fir-rikors taghha qalet illi hi u l-gharus taghha kienu talbu diversi drabi ghall-viza tal-gharus illi kienet skadiet u dan sabiex ikunu jistghu jizzewgu, izda din il-viza baqghet ma inhargitx.  Wara xi zmien, wara li kienu geddew il-karti illi l-gharus kien guvni u setgha jizzewweg, hi u l-gharus taghha marru ghand l-Avukat difensur taghha Dr Joseph Brincat illi hadhom ghand ir-Registratur taz-Zwieg, wassalhom sal-bieb, kellem lill-impjegata  u din qaltlu biex ihalli f’idejha.  Ir-rikorrenti xehdet illi Dr Joseph Brincat kien qalilhom illi l-karti kienu kollox sew, izda wara li l-impjegata rat il-karti staqsiethom ghall-viza u meta qalulha li ma kellux viza l-impjegata mill-ewwel qalet li ma setghetx taccetta li issir l-applikazzjoni.  Kien ghalhekk illi hi u l-gharus regghu marru ghand l-avukat u dan qalilhom illi kien qed jistenna li kien ser jigri hekk. Wara xi zmien l-istess avukat kien qalilhom li kienet inbiddlet il-procedura u biex persuna toqghod Malta anke ghal zmien kellhom japplikaw Kastilja. Fil-fatt Dr Brincat kien baghat maghhom lil Dr Deborah Mifsud Attard Kastilja fejn qalulhom li kien hemm bzonn ta’ insurance fuq is-sahha ta’ l-gharus u wara li din saret ir-rikorrenti kompliet tixhed illi ircevew risposta minn Kastilja li kollox kien sew, izda meta marru Kastilja biex jigbru l-permess ir-risposta kienet biex jistennew ftit ghax

kien hemm xi tibdil. Fl-ahhar mill-ahhar qalulhom li ma setghux johorgu l-permess u peress illi ir-Registratur taz-Zwigijiet baqa jinsisti ghall-viza l-Avukat Brincat qalilhom illi ma kienx hemm triq ohra hlief li jifthu il-kawza odjerna. Ir-rikorrenti xehdet illi l-Avukat Brincat kien qalilhom illi r-Registratur ma kellu l-ebda jedd iehor hlief li jara jekk il-karti humiex tajbin u jekk kienu tajbin kellu jaccettahom. Ir-rikorrenti xehdet ukoll illi d-dritt taghha li tizzewweg jiddependi jekk ir-ragel ghandux viza jew le u jekk ma jkollux viza allura hi f'pajjizha ma tistax tizzewweg u hi trid zwieg skond il-Ligi ta' pajjizha bhal haddiehor.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi r-rikorrenti ghagglet wisq meta ipprezentat ir-rikors odjern. Irrizulta bl-aktar mod car illi ir-Registratur taz-Zwigijiet irrifjuta illi jkompli bit-tnidijiet peress illi l-gharus taghha ma kellux il-viza u effettivament fir-rikors taghha inter alia ir-rikorrenti qeghda titlob illi l-Qorti tordna lir-Registratur taz-Zwigijiet johrog it-tnidijiet taz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat l-Artikolu 8 (2) tal-Att dwar iz-Zwieg tal- Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid hekk :

"F'kull kaz bhal dan, kull wahda mill-persuni li tkun ser tizzzewweg tista' taghmel rikors fil-qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni volontarja sabiex jinghata ordni fir-Registratur biex jippubblika t-tnidijiet jew biex johrog certifikat tal-pubblikazzjoni taghhom, skond il-kaz, u l-qorti tista, wara li tkun semghet lir-rikorrent u lir-Registratur, taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, u r-Registratur ghandu jimxi skond kull ordni bhal dak".

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi kien jezisti rimedju ordinarju; liema rimedju kien effettiv u effikaci u li r-rikorrenti setghet uzat wara ir-rifjut mir-Registratur taz-Zwigijiet li jippubblika t-tnidijiet sabiex hija tkun tista tizzewweg.

Ikkunsidrat :

Illi id-dritt ta’ access ghal Qorti ta’ gurisdizzjoni kostituzzjonali mhux awtomatiku izda huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti quddiem liema jkun gie intavolat l-ilment.

Illi b’referenza ghall-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) ta’ l-Att XIV ta’ l-1987, il-ligi tghid hekk :

“Izda il-Qorti tista jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel tirrifjuta li tezercita is-setghat taghha skond dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta illi mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra.”

Illi kif diga intqal il-Qorti hija sodisfatta illi kienu jezistu mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-allegat ksur illi tilmenta minnu ir-rikorrenti, peress illi tezisti procedura ad hoc sabiex persuna illi thossha aggravata minn decizjoni tar-Registratur taz-Zwigijiet illi jirrifjuta li jippublika t-tnidijiet taz-Zwieg, u din il-procedura hija kontemplata fl-Artikolu 8 subartikolu 2 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dan ir-rimedju kien wiehed effettiv fis-sens illi kien ukoll accessibbli ghar-rikorrenti.

Illi f’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-principji sottolinejati mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ta’ Strasbourg fil-kaz Cyprus vs Turkey 2001/1V fejn il-Qorti qalet hekk :

“The Court further recalls that, in the area of the exhaustion of domestic remedies, there is a distribution of the burden of proof. In the context of the instant case, it is incumbent on the respondent Government claiming non-exhaustion to satisfy the Court that the remedy was an effective one available in theory and in practice at the relevant time, that is to say, that it was accessible, was one which was capable of providing redress in respect of

the aggrieved individuals' complaints and offered reasonable prospects of success.”

Illi stabbiliti dawn il-kriterji l-Qorti tara illi r-rimedju illi jofri il-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa wiehed effettiv, accessibbli, kif ukoll effikaci.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat Registratur taz-Zwigijiet tichad it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors taghha datat 30 ta’ Mejju, 2007, stante illi hija naqset illi tezawrixxi ir-rimedju ordinarju spettanti lilha skond l-Artikolu 8 subartikolu 2 tal-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------